**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 287/2021 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**JP**

**Vs**

**VP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JP datat 5 ta' Lulju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fil-hdax (11) ta' Mejju elfejn u tlettax (2013) fil-kappella ta' San Pawl il-Bahar tal-Hgejjeg San Pawl il-Bahar debitament rregistrat fir-registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-certifikat 920/2013 u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok "A".*

*Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom JJ ta' disa' (9) snin u tifla AD Piscopo ta' sitt (6) snin;*

*Illi l-partijiet isseparaw legalment nhar il-11 ta' Dicembru 2018 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Ritienne Bugeja Fenech anness u mmarkt Dok "B".*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal numru ta' snin tant li ghandhom relazzjonijiet godda ma' terzi persuni;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi*

*minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra iffurmaw relazzjoni ma' nies ohra;*

*Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*
2. *Tordna li l-intimata tirriverti ghall-kunjom taghha ta' xebba ossija "P".*
3. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 20 ta' Awissu 2021, a fol 21, li taqra hekk:

1. *Illi, fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, l-esponenti taqbel illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, b'dana illi madanakollu r-rikorrent ghandu l-ewwel jonera l-obbligi kuntrattwali tieghu kif stipulat fl-att ta' separazzjoni ezistenti bejn il-partijiet datat il-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), senjatament ghal klawsola 8 (iii) u ghaldaqstant ihallas lill-esponenti l-arretrati taz-zieda fil-manteniment tal-Minuri JJ u AD skond iz-zieda fl-indici tal-Inflazzjoni ppubblikat ghall-finijiet tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi tali zidiet fl-imsemmi manteniment tal-Minuri qatt ma thallsu lill-esponenti mir-rikorrenti, u dan kif proprju ser jirrizulta fil-kors tal-proceduri odjerni;*

2. *Illi, fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrent sabiex l-esponenti tirriverti ghall-kunjom xbubitha ossia 'P', l-esponenti toggezzjona bil-qawwa kollha tali talba stante li dan certament jirrizulta f'impatt negattiv fuq l-ulied Minuri, specjalment fejn jidhlu avvenimenti skolastici bhal 'Parents' Day', u dawk*

*extra-kurrikulari, u ghaldaqstant din it-talba ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti stante li tmur kontra l-interessi tal-Minuri u l-harsien taghhom;*

3. *Illi fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrent, m'hemm l-ebda kontestazzjoni da parte tal-esponenti, gialadarba li r-rikorrent l-ewwel jonera l-obbligi kuntrattwali tieghu kif stipulat fl-att ta' separazzjoni ezistenti bejn il-partijiet datat il-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), senjatament ghal klawsola 8 (iii) u ghaldaqstant, ihallas lill-esponenti l-arretrati taz-zieda fil-manteniment tal-Minuri JJ u AD skond iz-zieda fl-Indici tal-Inflazzjoni ppubblikat ghall-finijiet tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi tali zidiet fl-imsemmi manteniment tal-Minuri qatt ma thallsu lill-esponenti mir-rikorrent; hekk kif dja gie stipulat aktar il-fuq f'din ir-risposta mahlufa;*

4. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat illi l-intimata, kif assistita fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2021, irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha ghal rigward il-manteniment stante illi l-attur kkonsenja seduta stante cekk ta' tlett mija, tmienja u tletin Ewro u hamesa u tmenin centezmu (€338.85) li jkopru z-zidiet tal-gholi tal-hajja skont l-indici sa Settembru 2021, waqt illi ddikjara li kien ser jghaddilha cekk iehor ta' tlieta u ghoxrin Ewro (€23) sabiex ikopri iz-zidiet tal-hajja sa Novembru 2021.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JP xehed** (vide affidavit fol 11) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-11 ta' Mejju 2013, u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt konsenswali fl-atti tan-nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech nhar il-11 ta' Dicembru 2018. Iddikjara illi ilhom jghixu separatament ghal snin twal u ghandhom hajja indipendenti minn xulxin ghalhekk ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Sostna illi ma hemm ebda manteniment dovut

bejniethom stante li dejjem gie rispettat. Finalment iddikjara x-xewqa tieghu li l-intimata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'P'.

**VP xehdet** (vide affidavit fol 26) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha. Di piu', sostniet illi l-intimat qatt ma hallasha ghall-ebda zieda fl-Indici tal-Inflazzjoni ppubblikat ghall-finijiet tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta, barra minn hekk, xehdet illi l-attur dejjem sabha difficli sabiex jhallas nofs l-ispejjez ta natura edukattiva ta' wliedhom. Fil-mori tal-kawza l-attur hallas il-pendenzi tal-manteniment dovut lill-intimata li minn naha taghha irtirat l-eccezzjoni taghha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Mejju 2013, liema zwieg jgib certifikat numru 920/2013 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 2). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech nhar il-11 ta' Dicembru 2018 (vide Dok. B fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi in vista tal-hlas li sar pendente lite, ma ghadx hemm pendenzi ta' manteniment dovut.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet limitatament, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 920/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, waqt li tichad t-talba tal-attur sabiex martu tirreverti ghal kunjom xbubitha stante li l-intimata ghazlet li zzomm kunjom zewgha.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**